MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru. 608/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Paul Zammit bin George u Anna nee' Vella,
imwieled fis-7 ta' Lulju, 1953 u residenti 54, Carmel Street,
Rabat, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 530453(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Paul Zammit li gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju, 2007 ghal habta ta' 11:15a.m. fl-Gharb, Ghawdex:

1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;
2) talli fl-istess data, hin u post hebb kontra l-persuna ta' Anthony Camilleri mill-Gharb, Ghawdex u volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Marlene Attard MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 338 u 221 tal-Kap 9;

Billi mill-provi jirrizulta illi l-imputat avvicina lil Anthony Camilleri li kien jinsab fil-vettura tieghu u xejjer daqqiet fid-direzzjoni tal-parti leza, il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah ammenda ta' hames Liri Maltin (Lm5) rigward l-ewwel (1) akkuza u multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) rigward it-tieni akkuza (2);

Il-Qorti qeghda torbot lill-imputat u dana b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 biex bl-ebda mod ma javvicina lil Anthony Camilleri taht penali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------